

Brussell, 22 ta' Settembru 2023
(OR. en)

12885/23

EPPO 36
COPEN 310
FIN 913
GAF 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

I. INTRODUZZJONI

1. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msahħha dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE")¹.
2. Fit-28 ta' Lulju 2023, skadew il-mandati ta' tmien Prosekuturi Ewropej (mill-Awstrija, Ċipru, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands u l-Portugall). Il-Kunsill għandu jaħtar il-Prosekuturi Ewropej għal dawn il-karigi li ser isiru vakanti.

¹ ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

3. Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, kull Stat Membru parteċipant għandu jinnomina tliet kandidati għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Ewropew minn fost kandidati li huma membri attivi tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew tal-ġudikatura tal-Istat Membru rilevanti, li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa biex jinħatru f'kariga għolja ta' prosekuzzjoni jew ġudizzjarja fl-Istati Membri rispettivi tagħhom, u li jkollhom esperjenza Prattika rilevanti tas-sistemi legali nazzjonali, ta' investigazzjonijiet finanzjarji u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali.
4. Skont ir-raba' paragrafu tar-Regola VII.2 tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla, il-bord tal-għażla kklassifika lill-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom. Tali klassifikazzjoni tindika l-ordni ta' preferenza tal-bord tal-għażla iżda mhijiex vinkolanti għall-Kunsill.
5. F'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, wara li jkun irċieva l-opinjoni motivati tal-bord tal-għażla, il-Kunsill jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati biex ikun il-Prosekutur Ewropew tal-Istat Membru parteċipanti inkwistjoni. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE, jagħżel u jaħtar il-Prosekuturi Ewropej għal perjodu ta' 6 snin li ma jgġeddidx.
6. F'Settembru 2019, il-Kunsill iddefinixxa l-proċess intern għall-ħatra tal-Prosekuturi Ewropej².

II. PROCĊEDURA

7. Bid-Deċiżjoni 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023, il-Kunsill ħatar il-membri tal-bord tal-għażla.³

² Dokument 12175/19.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939.

8. Bid-Deċiżjoni 2023/1335 tas-27 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill ħatar il-Prosekuturi Ewropej tal-Greċja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja u l-Awstrija.⁴ Bid-Deċiżjoni 2023/1539 tal-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill ħatar il-Prosekuturi Ewropej ta' Spanja u l-Portugall.⁵
9. Fit-8 ta' Settembru 2023, il-bord tal-għażla fassal l-opinjoni motivati u l-klassifikazzjoni għal kull wieħed mill-kandidati nnominati min-Netherlands li ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939. Dik l-opinjoni motivata ġiet ippreżentata lill-Kunsill fit-8 ta' Settembru 2023⁶.
10. Il-ħidma preparatorja teknika twettqet mill-Kunsilliera ĠAI fil-laqgħat tagħhom fil-21 ta' Settembru 2023. L-eżami tal-merti komparattivi tal-kandidati nnominati minn dan l-Istat Membru twettaq abbażi tal-opinjoni motivati mibgħuta mill-bord tal-għażla, b'kont meħud tal-ordni ta' preferenza mhux vinkolanti tal-bord tal-għażla kif ukoll, fejn rilevanti, materjal addizzjonali ppreżentat mill-Istat Membru.
11. Bħala riżultat tal-eżami tal-kandidati nnominati min-Netherlands, li sar fil-laqgħa tagħhom fil-21 ta' Settembru 2023, il-Kunsilliera ĠAI ssuġġerew lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex isegwi l-ordni ta' preferenza mhux vinkolanti indikat mill-bord tal-għażla għall-kandidati nnominati minn dan l-Istat Membru.

⁴ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1335 tas-27 ta' Ġunju 2023 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1539 tal-20 ta' Lulju 2023 li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.

⁶ Din tinsab fid-dokument 12745/23 RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

III. DOKUMENTI RILEVANTI

12. L-abbozz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ġie eżaminat mill-Kunsillieri ĠAI fil-laqgħa tagħhom fil-21 ta' Settembru 2023. Intlaħaq qbil fil-livell tekniku dwar it-test kif jinsab fid-dokument WK 11316/23.

IV. KONKLUŻJONIJIET

13. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-Prosekuturi Ewropej tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, kif tinsab fid-dokument 13000/23 (test iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti).